MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 560/1998/1

**Avviz numru 560/98DM**

**Michael Cassar**

**Vs**

**Gaetano sive Gejtu Pace u b'digriet tal-5 ta' April, 1999, giet kjamata in kawza Salvina Pace mart il-konvenut**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, sabiex ihallas s-somma ta' tmien mija u sitta u disghin liri Maltin (Lm896) dovuti minnu rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid ippresentat kontestwalment ma l-avviz u l-ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 1998.
Bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccipixxa illi:

1. Jekk l-azzjoni tal-attur tirnexxi, il-kreditu tieghu jkun kontra il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenut u martu u ghalhekk dina bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ghandha nteress fl-ezitu ta’ din il-kawza. L-eccipjent ghalhekk jitlob il-kjamata fil-kawza ta’ martu Salvina Pace.
2. Fil-meritu l-eccipjent jissottometti li huwa qatt ma rceva l-merkanzija msemmija fl-avviz u ghalhekk l-attur m’ghandu l-ebda kreditu kontra tieghu u t-talba attrici jisthoqqilha li tigi rigettata, bl-isepejjez kontra l-attur.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ April, 1999, fejn il-kjamata fil-kawza ghamlet taghha l-eccezzjonijiet gia sollevati mill-konvenut zewgha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konjugi Pace fejn eccepixxa illi :

1. Il-firma li hemm fuq l-‘invoice’ li ggib id-data 25 ta’ Settembru, 1994, u li giet esebita mill-attur mhiex il-firma tal-konvenut.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ April, fejn gie nnominat Joseph Gaffiero bhala espert tal-kaligrafija u rat ir-relazzjoni tieghu pprezentata fit-12 ta’ Jannar, 2001 ;

Rat il-verbal tal-24 ta’ Ottubru, 2003, fejn il-partijiet qablu li minflok tlett (3) periti perizjuri jigi nominat biss perit wiehed (1) addizzjonali u rat id-digriet taghha ta’ dak inhar fejn giet innominata bhala espert addizzjonali tal-kaligrafija, l-PL Juliana Scerri Ferrante ;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess espert tal-kaligrafija pprezentata fit-30 ta’ April, 2004 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi stante l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, biex tista' tirnexxi t-talba attrici, jispetta lill-attur illi jipprova illi huwa biegh u effettivament ikkonsenja l-merkanzija in kwistjoni lill-konvenuti.

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta illi l-bejgh in kwistjoni, li qed jallega illi ghamel lill-konvenuti, ma kienx l-ewwel operazzjoni kummercjali li ghamel mal-konvenuti, u illi l-prattika normali adoperata minnu fil-konfront ta' min jixtri minn ghandu, u kif *del resto* kien jaghmel mal-konvenuti, kienet illi, mal-konsenja tal-merkanzija, jipprezenta 'invoice' originali bil-kopja maghha u jesigi firma fuq l-'invoice' originali u hu jzomm il-kopja ta' l-'invoice' bil-kopja tal-firma fuq il-librett li jzomm dwar l-operazzjonijiet kummercjali illi jaghmel.

Ghalhekk ghar-rigward ta' l-allegat bejgh in kwistjoni l-attur esebixxa l-kopja ta' l-'invoice' originali illi ghandha n-numru wiehed u erbghin (41) u datata 25 ta' Settembru, 1994, li tifforma parti mill-ktieb ta' kopji ta' l-'invoices' bin-numru 13 D esibit bhala dokument 'MC1'.

Fuq din il-kopja tidher ukoll kopja ta' firma ta' isem « Gejtu Pace » li huwa l-isem tal-konvenut.

Bhala prova ta' din il-prattika li kien isegwi, l-attur esebixxa ukoll zewg (2) kotba ohra ta' kopji ta' 'invoices' b'kopji ta' firem fuqhom bi prova tal-konsenji li gew immarkati dokument 'MC2' u 'MC3'.

F'dawn iz-zewg kotba hemm ukoll kopji ta' 'invoices' ta' bejgh u konsenja lill-konvenuti fejn, bhal ma hemm fl-'invoice' tal-25 ta' Settembru, 1994, hemm il-kopja tal-firma tal-konvenut u ta' martu.

Inoltre, l-attur fid-deposizzjoni tieghu kien preciz ukoll anke dwar ic-cirkustanzi illi fihom huwa jallega illi saret il-konsenja ; infatti setgha jiddeskrivi ezattament ic-

cirkostanzi ta’ dakinhar tal-konsenja fejn, stante il-kwantita’ kbira ta’ hwejjeg li kienu qed jigu mibjugha, l-konvenut kien iddiregieh ghall-konsenja f’remissa illi l-attur seta’ ukoll jidentifika.

Biex jirribattu dawn il-provi l-konvenuti bl-eccezzjonijiet ulterjuri taghhom eccipew illi l-kopja tal-firma illi hemm fuq l-‘invoice’ in kwistjoni mhijiex kopja vera ta’l-firma tal-konvenut Gejtu Pace.

Ghaldaqstant il-Qorti nnominat espert tal-kalligrafija biex jistabbillixxi jekk il-kopja tal-firma fuq l-‘invoice’ in kwistjoni hiex dik ta’ Gejtu Pace jew le ; u wara r-relazzjoni ta’ dan l-espert, innominat ukoll fuq talba tal-konvenut lill-perit addizzjonali l-PL Juliana Scerri Ferrante.

Fiz-zewg relazzjonijiet l-esperti, wara li ghamlu l-ezami minnhom rikjest, it-tnejn ikkonkludew, l-ewwel wiehed definittivament u l-perit addizzjonali Scerri Ferrante b’certi riservi, illi l-kopja tal-firma fuq l-‘invoice’ in kwistjoni mmarkata bin-numru wiehed u erbghin (41) fid-dokument ‘MC1’ hija kopja vera tal-firma tal-konvenut.

Minn naha tal-perit addizzjonali Juliana Scerri Ferrante, din pero’ ma setghetx teskludi definittivament illi din il-kopja tal-firma setghet kienet giet rintraccjata ossija ‘traced’ minn fuq firma ohra tal-konvenut.

Pero’ il-Qorti tosserva illi din il-possibilita’ wahida ma twassalx biex tinnewtralizza l-preponderanza ta’ provi ohra indikattivi illi effettivament il-kopja tal-firma tal-konvenut fuq l-‘invoice’ in kwistjoni hija vera kopja tal-firma originali maghmula mill-konvenut stess fuq l-original ta’ l-invoice’.

Infatti z-zewg esperti tal-kaligrafija ma setghu isibu ebda ndikazzjoni cara illi sar xi ‘tracing’. Kienet il-perit addizzjonali biss illi pprospettat il-possibbilita’ ta’ xi ‘tracing’ li, jekk sar, kien verament maghmula b’mod perfett.

Minn naha l-ohra, kif jidher illi kienet il-prattika ta’ l-attur, dan qatt ma zamm l-original ta’ l-‘invoices’ bil-firem fuqhom bi prova tal-konsenja, kif jirrizulta mid-dokumenti kollha minnu esebiti, izda huwa dejjem ghazel stranament li jzomm il-kopja ta’ l-original li baqa, bil-firma originali bi prova tal-konsenja, ghand ix-xererej.

Inoltre, huwa mportanti illi jigi rrilevat illi fuq l-istess ‘invoice’ wiehed u erbghin (41) tal-25 ta’ Settembru, 1994, oltre l-firma tal-konvenut ma tidher ebda firma ohra ta’ xi xerrej iehor u ghalhekk biex seta’ sar xi-‘tracing’ l-attur kellhu jsib ‘invoice’ unika li kienet minghajr ebda firma ta’ ebda persuna fuqha sabiex fuqha setgha jirrintraccja l-firma ta’ Gejtu Pace.

Wiehed jista’ jargumenta wkoll illi l-attur mill-‘invoices’ kollha illi hareg kien zamm din, li tirreferi ghall-merkanzija mhux ikkonsenjata, u kien ghazel lill-konvenut sabiex ikun il-vittma ghall-hlas tal-merkanzija hemm indikata. Izda minghajr ebda provi li jindikaw xi disgwid serju bejn il-kontendenti precedenti ghal dan il-kaz in kwistjoni din l-ipotesi ghandha tigi skartata.

Anzi jirrizulta illi, kemm qabel l-‘invoice’ in kwistjoni u kemm wara din l-istess konsenja, l-attur u l-konvenuti baqghu jaghmlu bejniethom operazzjonijiet kummercjali sakemm il-konvenuti kienu ntimaw definittivament illi ma kienux ser jaccettaw illi kienu effettivament xtraw l-oggetti fil-25 ta’ Settembru, 1994.

Ghaldaqstant a bazi tar-relazzjonijiet ta’ l-esperti tal-kalligrafija u minnhabba l-proponderanza tal-provi, il-Qorti ssib illi effettivament il-firma fuq il-kopja ta’ l-‘invoice’ numru wiehed u erbghin (41) ta l-25 ta’ Settembru, 1994, hija effettivament kopja tal-firma originali tal-konvenut u li ghalhekk tikkostitwixxi prova bizzejjed biex tistabbillixxi illi fil-25 ta’ Settembru, 1994 kien sar bejgh u konsenja tal-merkanzija ghall-valur totali ta’ tmin mija, sitta u disghin lira Maltin (Lm896) mill-attur lill-konvenut.

Ghaldaqstant issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kemm dawk

fil-mertu kif ukoll dik preliminari, stante l-kjamata fil-kawza ta' mart il-konvenut Salvina Pace, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' tmin mija, sitta u disghin lira Maltin (Lm896) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Marzu, 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------